# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulzija**

**(Spettur Sergio Pisani)**

**(Spettur Colin Sheldon)**

**Vs**

**Clint Zarb**

Illum, 05 ta`Marzu, 2025

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Clint Zarb** imwieled nhar 7/10/1980, iben Joseph u Francis nee' Galea, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 472180 M residenti 186, Fl 3, Triq il-Wied ta' l-Imsida, Msida akkuzat talli nhar it-18 ta' Frar 2018, ghal habta tas-seba u nofs ta' filghodu, fil-jiem, fil-gimghat, fix-xhur u snin ta' qabel gewwa, Triq il-Marina, Pieta' u f' dawn il-Gzejjer b' diversi atti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, mghamulin minnkhom ukoll jekk fi zmienijiet differenti u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda kif dedott fl-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

1. Talli inqast li tapplika ghar-registrazzjoni mal-Kummissarju tat-Taxxi fi zmien tletin jum mid-data li fiha ghamilt provvista taxxabbli u cioe' talli fid-19 ta' Jannar 2018 xtrajt karozza tal-marka Renault Megane bin-numru ta' registrazzjoni Ingliz MW10ZGS mill-Ingilterrra ghall-prezz ta' £2500.00c ghal skop ta' negozju, liema karozza inbieghet ghal prezz ta' Ewro 6800.00c lokalment, u dan bi ksur ta' l-artikoli 10 u 76 ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' tal-1998).

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li tevadi it-taxxa ta' registrazzjoni dovuta jew li tista' ssir dovuta rigward il-vettura ta' l-ghamla Renault Megane bin-numru ta' registrazzjoni MW10ZGS nqast li taghti xi avviz minn dawk li jista' jinhtieg li tghati skont l-artikolu 4 jew l-artikolu 10(1) jew l-artikolu 18(1)(g) jew taghti f' avviz bhal dak jew fi stqarrija li ghamilt lill-Awtorita' ghall-ghanijiet ta' l-Att 368, u dan bi ksur tal-Kap. 368, Artikolu 21(1)(b) tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamilt jew nqast milli taghmel jew ppermettejt li jssir jew tonqos milli ssir xi haga jew xi att bil-hsieb li jevadi jew jipposponi l-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni, u dan bi ksur tal-artikolu 21(1)(d) tal-Kap. 368 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi bhala persuna li ghandha r-residenza normali taghha fl-Gzejjer Maltin nqast li tavza lil Awtorita' bil-wasla ta' vettura li tkun registrata f' pajjiz iehor li jkollu l-hsieb juza fit-triq f' Malta u dan bi ksur tal-artikolu 21(1)(j) tal-Kap. 368 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi soqt jew ippermettejt li tithalla vettura ta' l-ghamla Renault Megane bin-numru ta' registrazzjoni Ingliz MW10ZGS fit-triq, kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuza, minghajr licenzja ghac-cirkolazzjoni valida, jew permess ghac-cirkolazzjoni validu jew diska ta' licenzja temporanja valida, skont ma jkun applikabbli, mahruga mill-Awtorita', u dan bi ksur ta' l-artikolu 21(1)(k) tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi soqt fuq in-naha tal-lemin tat-triq u dan bi ksur tal-artikolu 75 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Ligjiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lil akkuzat ghal hlas ta' l-ispejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li fis-seduta tal-27 ta' Frar 2019 Paul Scicluna ghad-dipartiment tal-VAT ezebixxa Dok A [letter to prosecute mill-Kummissarju tat-Taxxi datata 20 ta' Marzu 2018 u dettalji tar-registrazzjoni tal-VAT ta' Clint Zarb datata 23.02.2018].

Rat l-affidavit ta' Spettur Sergio Pisani ezebit mill-prosekuzzjoni fis-seduta tal-27 ta' Frar 2019.

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' Jonathon Tabone, ta' Edward Paris, ta' Victoria Cassar, ta' Marlon Abdilla, ta' George fis-seduta tal-27 ta' Frar 2019. Semghet ix-xhieda ta' Joseph Zammit, Brian Farrugia u tal-Spettur Sergio Pisani fis-seduta tal-12 ta' Frar 2020 ingunti mill-prosekuzzjoni. Semghet ix-xhieda tal-imputat Clint Zarb fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2024

Rat li fis-seduta tal-31 ta' Jannar, 2024 il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi, semghet ix-xhieda tal-imputat u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-artikoli 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 10 u 76 tal-Kap. 406, l-art 4, 10(1), 18(1)(g), 21(1)(b) tal-Kap. 368, l-art 21(1)(d) tal-Kap. 368, l-art 21(1)(j) tal-Kap. 368, l-art 21(1)(k) tal-Kap. 368, l-art 75 tal-L.S. 65.1, l-art 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti, ix-xhiedha u l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Provi tal-Prosekuzzjoni

**Affidavit ta' Spettur Sergio Pisani**. Jiddikajra taht gurament li nhar it-18 ta' Frar, 2018 ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' filghodu waqt li kien Triq Marina, Pieta giet osservata vettura tal-ghamla Renault Megane bin-numru ta' registrazzjoni ingliz MW10ZGS li kienet qieghed tostakola il-karregiata tal-lemin fid-direzzjoni tal-Belt billi ma kienitx qiegheda tezercita dik il-manuvra maghrufa bhala overtaking imma sempliciment issuq f' dik il-karregjata, in vista ta' dan is-sewwieq tal-vettura kien mitlub sabiex issorgi fil-gemb tat-triq f' post sikur aktar il-fuq fejn il-Klabb tal-Bocci.

Is-sottoffirmat avvicina l-vettura in kwistjoni, is-sewwieq hareg mil-vettura u ddikjara immedjatament li ma kellu ebda' tip ta' dokument fuqu inkluz dawk relatati mal-vettura. Is-sewwieq kien identifikat bhala Clint Zarb wara talba ghall-informazzjoni mill-kamra tal-kontroll tal-Pulizija.

In vista tal-fatt li rrizulta li s-sewwieq ghandu dokument ta' identifikazzjoni validu mahrug mill-awtoritajiet Maltin, gie stabbilit li dan kiser dispozizzjonijiet dwar ir-registrazzjoni tal-vetturi billi ma rregolarizzax il-vettura mal-awtorita' tat-trasport u allura l-vettura ma setghetx tinstaq fit-toroq maltin u ghalhekk gie msejjah tow truck u l-vettura giet trasportata fil-compound tal-Pulizija sakemm il-vettura tigi regolarizzata.

Aktar tard matul il-gurnata ipprezenta ruhu Marlon Abdilla li stqarr li kien xtara l-vettura minghand Clint Zarb ghas-somma ta' € 6,800 dan wara li kien moghti d-drittijiet tieghu u ghazel li jiffirma dikjarazzjoni li jirrigwarda ir-rifjut tal-assistenza legali. Sussegwentement il-vettura giet regolarizzata ma Transport Malta u din giet rilaxxata lil Abdilla.

Investigazzjonijiet segwenti irrizultaw li Clint Zarb kien xtara il-vettura minghand VL Cars ta' Southsea UK ghal prezz globali ta' GDP 2500 kif anness Dok Nr 1(konvertiti € 2,825.75 kif anness Dok Nr 2, pagna 2). Il-vettura impurtata permezz ta' vapur tal-kumpanija Tirrenia. In vista tal-fatt li rrizulta li Zarb ghamel profitt ta' circa € 3974.25 li ma kienux iddikjarati lid-Dipartiment tat-Taxxa dawn ta' l-ahhar talbu li jinhargu l-akkuzi relatati. Fejn irrizulta li Zarb kien ilu jaghmel dan in-negozju minn Gunju 2015

Transport Malta kienu wkoll infurmati bl-akkadut u minn naha taghhom wkoll talbu lil pulizija sabiex tohrog l-akkuzi.

**Jonathan Tabone,** operations manager Virtu Ferries, ehed fis-seduta tal-27 ta' Frar, 2019. Jipprezenta lista ta' karozzi li bihom vjagga s-Sur Zarb bejn il-2013 u 9 ta' April, 2018 (Dok. JT). Il-karozzi ngiebu minn Pozallo minn Clint Zarb ID 472180M li kien registrat bhala d-driver tal-karozza. Fis-sena 2018 kien gie darbtejn bl-istess karozza tal-ghamla Mercedes SLK.

**Edward Paris**, in rapprezentanza tal-kumpanija Tirrenia Malta, xehed fis-seduta tal-27 ta' Frar 2019. Jipprezenta kopja tal-biljett tal-vjagg ta' Clint Zarb li juri li l-d-data tal-tlugh kien 24 ta' Jannar, 2018 minn Catania ghal Malta. Il-biljett juri li kien hemm persuna wahda adulta u karozza sa erba' metri bin-numru ta' registrazzjoni MW 10 ZGS. (Dok. EP)

Jipprezenta ukoll il-manifest tal-passigieri li vvjagaw dak in-nhar fuq il-vapur u ismu jihder ukoll bhala konferma li l-persuna vjagga skont il-biljett li gie ezebit. Gie ipprezentat ukoll kopja tal-manifest ta' l-vejikoli li ma humiex kummercijali li vvjaggaw dak in-nhar fejn tihder isem u l-karozza in kwistjoni.

**Victoria Cassar**, xehedet fis-seduta tal-27 ta' Frar, 2019. Issuq vettura Renault Scenic bin-numru ta' registrazzjoni DCC 473 li xtrat minghand l-imputat. Xtratha xi sentejn ilu ghal prezz ta' circa erbat elef ewro. In-numru ta' registrazzjoni kien dejjem hekk u ma ghandiex ircevuta fiskali.

**Marlon Abdilla** xehed fis-seduta tal-27 ta' Frar, 2019. Jixhed li ghandu karozza tal-ghamla Renault Megan BCJ 936 li xtraha mill-ingilterra. Ix-xhud kien jahdem mal-imputat, li jaghraf fl-awla, gewwa fabbrika. L-imputat kien offrielu li jitla' hu l-ingilterra ghal karozza bi pjacir igifieri ma thallasx. Kien qallu kemm ha tigieh u tah cheque ta' € 6,800. Ma kienx jaf kemm tiswa l-karozza u halla kollox f' idejh. Kemm talbu tah. Ircevuta ghal hlas inghata bejn wiehed u iehor f' Jannar tas-sena l-ohra.

In kontro-ezami jirrispondi li meta gie bil-karozza marru jirregistrawha Transport Malta dak in-nhar stess.

**George Camilleri,** spettur tat-taxxa tal-VAT, xehed fis-seduta tal-27 ta' Frar, 2019. Tkellmu mal-imputat fl-20 ta' Frar, 2018 wara li dahlu xi rapporti li kien qed jaghmel attivita ekonomika u qalulu jirregistra ghal VAT. L-imputat gie l-ufficju taghhom.

Spjegalhom li kien qed igib xi karozzi ftit ftit iktar biex jaghmel xi pjacir lil kollegi tieghu fuq ix-xoghol mhux biex jaghmel attivita ekonomika. Imma mid-dokmentazzjoni li ghandhom juru li hu qed jixtri l-karozzi, mill-Ingilterra. Ghandhom l-invoice ta' din il-karozza u ukoll transfer ta' l-karozza. Jipprezenta fost affarijiet ohra invoice tax-xiri ta' l-karozza minn VL Cars Ltd ta' UK. Il-karozza hija tat-tip Renault Megane u nxtrat ghal prezz ta' £2500 (Dok GC).

Ghandu dokumentazzjoni li l-karozza waslet Malta u dokumentazzjoni mit-Transport Malta li turi li l-karozza kienu qed ifittxuha minhabba registrazzjoni ta' licenzja.

Meta kellmu lis-Sur Zarb qalilhom li l-karozza bieghha lil kollega tieghu, certu Marlon Abdilla ghal prezz ta' € 6,800. Huma qalulu li peress li hemm valur mizjud minn dak li xtraha ghal dak li bieghhha allura hemm il-kwistjoni li jrid jirregistra ghal VAT. Spjegawlu li allavolja l-karozza hija *second hand* xorta hemm l-obbligazzjoni tieghu li jirregistra l-VAT u jiccargja l-VAT fuq l-ammont li hu dahhal.

Jezebixxi ukoll ir-rapport li kiteb ix-xhud stess (Dok GC). Fir-rapport hemm miktub "and according to him the price charged was to make up for the cost of the car, insurance and transport cost."

In kontro-ezami

Mistoqsi jekk meta kellmux tawx it-twissija li ser tintuza kontrih kien evasiz.

Dwar id-dokument, purchase invoice (Dok GC 1) ma jistax jichad li tahielu l-imputat stess waqt l-interrogazzjoni li kien qed jaghmillu.

**Joseph Zammit** xehed fis-seduta tal-12 ta' Frar, 2020. Fiz-zmien in ezami kien VAT inspector. Kien involut meta saret il-laqgha mas-Sur Clint Zarb li qed jaghraf fl-awla. Involut f' dan il-meeting kien hemm ukoll s-Sur George Camilleri. L-imputat kien cahad li jaghmel negozju tal-karozzi. Meta gie muri l-invoice tal-karozza Renault Megane kien irrisponda li din kienet okkazzjoni ta' darba. Meta qalulu li skont informazzjoni li ghandu

d-dipartiment kien hemm aktar okkazzjonijiet irrisponda li hu ma ghandux obligazzjoni li jkun registrat. Meta qalulu li jekk qed taghmel dan it-tip ta' business huwa ovvju li jrid ikun registrat ghal VAT u skont dan il-meeting li kien hemm quddiemhom, accetta li jigi rregistrat.

Mistoqsi jekk qabel ma kellmuh tahwx warning, caution illi dak li ha jghidilhom ser jintuza kontrih fil-qorti kriminali irrisponda

"Le, ahna l-intenzjoni taghna biex naraw jekk hux registrat ghall-VAT u l-VAT fuq ix-xiri tal-karozza jekk sarx jew le."

**Brian Farrugia**, in rapprezentanza tal-Awtorita' tat-Trasport f' Malta xehed fis-seduta tal-12 ta' Frar, 2020. Ircevew email minghand il-pulziija fejn qeghedin jaghmlu nvestigazzjoni minn naha taghhom fuq vetturi li ghadhom mhux registrati gewwa Malta u il-Pulziija talbuhom johorgu *letter to prosecute* taht il-Kap. 368 sabiex huma ikunu jistghu jkomplu l-investigazzjoni u jkunu jistghu johorgu c-charges jekk ikun hemm, kontra lil min qabdu b' dawn il-karozzi.

Jipprezenta d-dokumenti relattivi ghal vetturi ohra. Fuq il-kaz in ezami jixhed:-

*"L-ahhar vettura Sinjura li kellna numru ta' registrazzjoni ta' barra MW 10 ZGS u hija Renault Megane ohra. Dina giet impurtata Malta minn Marlon Abdilla f' Jannar 2018 u mbghad giet registrata Malta fid-29 ta' Jannar, 2018 bin-numru ta' registrazzjoni BCJ-379 u qieghedha registrata fuq Marlon Abdilla, bil-karta tal-identita' 97378 M" (Dok. BF 5)*

**Spettur Sergio Pisani** xehed fis-seduta tal-12 ta' Frar, 2020. Jikkonferma l-affidavit tieghu ipprezentat in atti.

<u>Provi tad-difiza</u>

L-imputat **Clint Zarb** xehed fis-seduta tal-31 ta' Jannar, 2024. Jixhed:-

"*Mela fit-25 January 2018 kont gej bil-karozza ghax jien nahdem Malta Public Transport u l-kollega tieghi Marlon Abdilla hawn min jixtri karozza u ghedtu tlajt nixtrilu karozza kif*

*ezatt u wasalt Malta, waqqafni l-ispettur tat-traffic u haduli l-karozza ghall-compund ghax dak il-hin inzertajt ma kelliex dokumenti fuqi offrejtlu min igibhomlu pero' hadieli lill-compund ezattament l-ircevuta tal-pulzija. Irregistrajna l-karozza dakinnhar"*

Il-karozza kienet Renault Megane bin-numru ta' registrazzjoni MW10ZGS.

Il-karozza giet elevata fil-25 ta' Jannar, 2018 mill-Pulizija.

L-imputat ipprezenta l-biljett tal-vapur li gie bih u l-ircevuta.

Il-vettura lil habib tieghu Marlon Abdilla giet tiswieh xi € 6,800 bir-registration jinkludu l-xiri tal-karozza, transport registration ma Transport Malta, licenzja u vapuri.

Ikkunsidrat

Fl-ewwel lok qed jigi innotat li l-imputazzjonijiet li huwa akkuzat bihom l-imputat jirriferu <u>biss</u> ghal importazzjoni tal-vettura Renault Megane bin-numru ta' registrazzjoni Ingliz MW10ZGS.

<u>Dwar l-ewwel imputazzjoni</u>

1. L-imputat huwa akkuzat talli inqast li tapplika ghar-registrazzjoni mal-Kummissarju tat-Taxxi fi zmien tletin jum mid-data li fiha ghamilt provvista taxxabbli u cioe' talli fid-19 ta' Jannar, 2018 xtrajt karozza tal-marka Renault Megane bin-numru ta' registrazzjoni Ingliz MW10ZGS mill-Ingilterrra ghall-prezz ta' £2500.00c ghal skop ta' negozju, liema karozza inbieghet ghal prezz ta' Ewro 6800.00c lokalment, u dan bi ksur ta' l-artikoli 10 u 76 ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' tal-1998).

Mill-provi jirrizulta li l-imputat kien xtara karozza mill-Ingilterra u nbieghet lil Marlon Abdilla ghal prezz ta' sitt elef u tmien mitt ewro (€ 6,800). Minkejja li l-imputat qal li hu ma ghamilx negozju u li gie rimborsat ghall-ispejjez sabiex gab il-karozza din il-Qorti ma hijiex konvinta li dan hu l-kaz u l-imputat ma pprovda ebda' provi li juru li d-differenza kollha fil-prezz mitlub u mhallas kienu spejjez. Ix-xhud Marlon Abdilla, li ghalieh giet

importata l-karozza mertu ta' dawn il-proceduri jixhed li huwa hallas lil imputat skont kemm talbu.

Il-Qorti tqis li jirrizulta li l-imputat kien qed jaghmel attivita' ekonomika ai fini tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta f' dan il-kaz.

Mill-provi jirrizulta li l-imputat ma kienx registrat mad-dipartiment tal-VAT u rregistra biss wara li mar ikellem lis-spetturi tal-VAT fl-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfjen u tmintax (2018). Il-vettura telqet minn Catania fl-24 ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) (Dok. EP) ipprezentat minn Edward Paris fis-seduta tal-27 ta' Frar, 2019

Skont l-art 10 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

"10.(1)(a) Kull persuna taxxabbli stabbilita f'Malta li ma tkunx reġistrata taħt dan l-artikolu jew taħt l-artikolu għandha tapplika sabiex tiġi reġistrata taħt dan l-artikolu mhux aktar tard minn tletin jum mid-data li fiha tagħmel provvista b'korrispettiv f'Malta ħlief għall-provvista eżenti mingħajr kreditu.

(b) Kull persuna taxxabbli stabbilita f'Malta li ma tkunx reġistrata taħt dan l-artikolu jew taħt l-artikolu 11 u litipprovdi servizzi fi ħdan it-territorju ta' Stat Membru ieħor li għalihom it-taxxa għandha titħallas biss mir-riċevitur għandha tapplika sabiex tiġi reġistrata taħt dan l-artikolu mhux aktar tard minn tletin jum mid-data li fiha tagħmel provvista b'korrispettiv.

(2) Il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) m'għandux japplika għall-persuna li titqies biss bħala persuna taxxabbli minħabba l-fatt li tagħmel, minn żmien għal żmien, provvista intra-Komunitarja <u>ta'mezz ġdid ta'</u> trasport."

. . . omissis . . .

"(5) Kull persuna li ma tkunx persuna reġistrata taħt dan l-artikolu u li tkun twettaq jew tkun bi ħsiebha twettaq attivitàekonomika tista' tapplika sabiex tiġi reġistrata taħt dan l-artikolu."

Il-provvista ta' karozzi second hand kif ghamel l-imputat ma hijiex eskluza taht l-artikolu 10(2) ghaliex huwa biss l-provvista minn zmien ghal zmien ta' mezz gdid ta' trasport li huwa eskluz u dan fl-ambitu ta' provvista intra-komunitarja.

Marlon Abdilla xehed fis-seduta tal-27 ta' Frar, 2019 li huwa kien hallas lil imputat cheque ta' € 6800 kemm kien talbu. Ma jiftakarx meta tah l-ircevuta.

Jirrizulta ukoll mill-provi prodotti li l-imputat irregistra mad-Dipartiment tal-VAT saret fit-23 ta' Frar, 2018 (Dok. PS 2) u cioe' ferm wara li thallas mix-xhud Marlon Abdilla.

Il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni giet ipprovata sal grad rikjest mill-ligi.

<u>It-tieni imputazzjoni</u>

L-imputat huwa akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li tevadi it-taxxa ta' registrazzjoni dovuta jew li tista' ssir dovuta rigward il-vettura ta' l-ghamla Renault Megane bin-numru ta' registrazzjoni MW10ZGS nqast li taghti xi avviz minn dawk li jista' jinhtieg li tghati skont l-artikolu 4 **jew** l-artikolu 10(1) **jew** l-artikolu 18(1)(g) jew taghti f' avviz bhal dak jew fi stqarrija li ghamilt lill-Awtorita' ghall-ghanijiet ta' l-Att 368, u dan bi ksur tal-Kap. 368, Artikolu 21(1)(b) tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-imputat huwa akkuzat li kiser l-artikolu 4 **jew** l-artikolu 10(1) **jew** l-artikolu 18(1)(g) tal-Att Dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, Kap. 368 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdu hekk

"Art. 4.Kull min jimporta jew idaħħal vettura bil-mutur f'Malta, kull persuna li toqgħod f'Malta li ddaħħal f'Malta vettura bil-mutur minn Stat Membru ieħor taħt kuntratt ta' lease jew kiri għal perjoduli jkun soġġett għall-ħlas ta' taxxa tar-reġistrazzjoni skont l-artikolu

3(2) u kull min jimmanifattura vettura bil-mutur f'Malta għandu, mhux aktar tard mill-ewwel ġurnata ta' xogħol wara li l-vettura tasal Malta jew tkun manifatturata, jagħti avviż ta' dik l-importazzjoni, dħul jew manifattura lill-Awtorità b'dak il-mod hekk kif tista' tordna l-Awtorità minn żmien għal ieħor, jew hekk kif jista' jiġi preskritt b'regolamenti."

*Jew*

"10.(1) Bla ħsara għal ma jinsab f'xi liġi oħra l-ebda sid ta'vettura bil-mutur li ġiet ikklassifikata jew ikklassifikata proviżorjament taħt dan l-Att ma għandu jwettaq jew jippermetti lilxi persuna oħra twettaq xi addizzjoni, modifika jew adattament fir-rigward tal-vettura mingħajr awtorizzazzjoni bil-mitkub mill-Awtorità."

*Jew*

"18.(1) Bla ħsara għal kull ħaġa oħra li hemm f'dan l-Att, il-vetturi li ġejjin jistgħu, bla ħsara għal xi kondizzjonijiet,restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet preskritti b'regolamenti,jintużaw fit-triq mingħajr ma tkun tħallset fuqhom it-taxxa tar-reġistrazzjoni jew parti minnha u mingħajr il-ħieġa li jiġu rreġistrati mal-Awtorità:

g) bl-eċċezzjoni tal-vetturi li jaqgħu taħt il-paragrafi (e) u(f), vettura bil-mutur reġistrata f'pajjiż ieħor li tintuża minn persuna li għandha r-residenza normali tagħha f'Malta għal perjodu ta' mhux aktar minn tletin ġurnata konsekuttivi li jibdew jgħoddu mid-data li fiha dik il-vettura tasal Malta:

Iżda, meta l-vettura tasal Malta, dik il-persuna għandha tavża lill-Awtorità u tikseb, wara li tħallas id-dritt relattiv, permess ta' ċirkolazzjoni temporanju li jippermetti l-użu ta' dik il-vettura f'Malta għal perjodu ta' mhux aktar minn tletin ġurnata konsekuttivi:

Iżda wkoll, f'każ li vettura bil-mutur bħal dik li tkun reġistrata f'pajjiż ieħor terġa' tiġi użata f'Malta minn persuna li jkollha r-residenza normali tagħha f'Malta qabel ma jkunu għaddew tliet mija u ħamsa u sittin ġurnata li jibdew jgħoddu mid-data li fiha dik il-

vettura tkun waslet l-ewwel darba f'Malta, dik il-vettura tkun soġġetta għall-ħlas ta' taxxa tar-reġistrazzjoni skont dan l-Att."

Illi l-art. 4 u l-art. 10 (1) ma japplikawx ghal kaz in ezami.

Mill-provi jirrizulta li l-imputat telaq minn Catania bil-karozza fl-24 ta' Jannar, 2018 fil-21:00 (Dok EP) ipprezentat mir-rapprezentant ta' Tirrenia fis-seduta tal-27 ta' Frar, 2019.

Skont kif jirrizulta mix-xhieda ta' **Brian Farrugia**, in rapprezentanza tal-Awtorita' tat-Trasport f' Malta li xehed fis-seduta tal-12 ta' Frar, 2020.

*"L-ahhar vettura Sinjura li kellna numru ta' registrazzjoni ta' barra MW 10 ZGS u hija Renault Megane ohra. Dina giet impurtata Malta minn Marlon Abdilla f' Jannar 2018 u mbghad giet registrata Malta fid-29 ta' Jannar 2018 bin-numru ta' registrazzjoni BCJ-379 u qieghedha registrata fuq Marlon Abdilla, bil-karta tal-identita' 97378 M" (Dok. BF 5).*

Il-karozza dahlet Malta fil-25 ta' Jannar, 2018 u giet depozistata fil-compund tal-pulziija u giet elevata fil-25 ta' Jannar, 2018 mill-Pulizija. Mid-dokument ipprezentat mill-imputat Dok CT rilaxxat minn Transport Malta hemm imnizzel "veichle to be inspected after release from police compound". Id-dokument huwa datat 25 ta' Jannar, 2018. Il-karozza giet registrata fid-29 ta' Jannar 2018. Illi f' dan il-kaz il-Qorti ser tapplika l-principju ta' 'in dubio pro reo', u ser tghaddi biex tillibera l-imputat minn din l-akkuza.

<u>It-tielet imputazzjoni</u>

L-imputat huwa akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamilt jew nqast milli taghmel jew ppermettejt li jssir jew tonqos milli ssir xi haga jew xi att bil-hsieb li jevadi jew jipposponi l-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni, u dan bi ksur tal-artikolu 21(1)(d) tal-Kap. 368 tal-Ligijiet ta' Malta.

21(1)(d) jagħmel jew jonqos milli jagħmel jew jippermetti li ssir jew li tonqos milli ssir xi ħaġa jew xi att bil-ħsiebli jevadi jew jipposponi l-ħlas tat-taxxa ta'reġistrazzjoni kontra l-liġi; jew

Illi mix-xhieda tar-rapprezentant tat-Transport Malta u d-dokumenti ezebiti jirrizulta li l-vettura giet registrata u ghalhekk din l-imputazzjoni ma gietx ipprovata mill-prosekuzzjoni mill-grad rikjest mill-ligi.

Ir-raba' imputazzjoni

Illi l-imputat huwa akkuzat talli fl-istess data, hin u cirkostanzi bhala persuna li ghandha r-residenza normali taghha fl-Gzejjer Maltin nqast li tavza lil Awtorita' bil-wasla ta' vettura li tkun registrata f' pajjiz iehor li jkollu l-hsieb juza fit-triq f' Malta u dan bi ksur tal-artikolu 21(1)(j) tal-Kap. 368 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-artijokolu 21(1)(j) tal-Kap. 368 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li

"21(1)(j) bħala persuna li għandha r-residenza normali tagħha f'Malta jonqos li jikseb mingħand l-Awtorità permessta' ċirkolazzjoni temporanju għall-użu f'Malta ta'vettura reġistrata f'pajjiż ieħor għal perjodu ta' mhuxaktar minn tletin ġurnata konsekuttivi; jew

Mid-dokumenti ezebiti mill-istess imputat u ukoll mix-xhieda tal-istess rapprezentant tat-Transport Pubbliku li saret referenza ghalieha ftit aktar il-fuq f' din is-sentenza irrizulta li l-vettura importata giet registrata fit-terminu u ghalhekk din l-imputazzjoni ma tirrizultax.

Il-hames imputazzjoni

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi soqt jew ippermettejt li tithalla vettura ta' l-ghamla Renault Megane bin-numru ta' registrazzjoni Ingliz MW10ZGS fit-triq, kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuza, minghajr licenzja ghac-cirkolazzjoni valida, jew

permess ghac-cirkolazzjoni validu jew diska ta' licenzja temporanja valida, skont ma jkun applikabbli, mahruga mill-Awtorita', u dan bi ksur ta' l-artikolu 21(1)(k) tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta.

21(1)(k) bħala persuna li għandha r-residenza normali tagħha f'Malta jkompli juża vettura reġistrata f'pajjiż ieħor wara li jiskadi l-permess ta' ċirkolazzjoni temporanju maħruġ mill-Awtorità; jew

Illi l-vettura giet registrata fuq isem l-akkwirent Marlon Abdilla, li kien hallas lil imputat fid-29 ta' Jannar, 2018. Bejn il-25 ta' Jannar, 2018 (Dok. BF 5 ezebit minn Brian Farrugia fis-seduta tal-12 ta' Frar, 2020. In-Notifikazzjoni tal-vettura impurtata saret fid-29 ta' Jannar, 2018 u l-karozza dahlet Malta fil-25 ta' Jannar, 2018 fl-liema gurnata giet elevata mill-pulzija ghalix ma kelliex licenzja valida biex tinstaq hawn Malta.

Illi d-dokument li l-imputat Clint Zarb ipprezenta 'Foreign Registration Details' ma gietx ikkolaborata minn rapprezentant tat-Transport Pubbliku u l-anqas ma hemm prova li hija dokument ufficjali u ghalhekk ma tistax tigi meqjusa bhala prova ammissibbli fil-ligi.

Illi mill-provi ma jirrizultax li l-vettura kellha licenzja temporanja u ghalhekk l-imputat qed jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

<u>Is-sitt imputazzjoni</u>

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi soqt fuq in-naha tal-lemin tat-triq u dan bi ksur tal-artikolu 75 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Ligjiet ta' Malta.

Illi fl-att ta' akkuza l-imputat huwa akkuzat talli fil-18 ta' Frar, 2018 ghal habta ta' 7:30 am ghamel diversi reati. Illi minkejja li l-affidavit tal-Ispettur Sergio Pisani hemm referenza ghal din id-data, l-vettura giet elevata precedentement u cioe' fil-25 ta' Jannar, 2018. Illi minhabba din ir-raguni ma tistax tinstab htitja fuq dan il-kap ta' akkuza.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti wara li rat l-artikoli 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 10 u 76 tal-Kap. 406, l-art 4, 10(1), 18(1)(g), 21(1)(b) tal-Kap. 368, l-art 21(1)(d) tal-Kap. 368, l-art 21(1)(j) tal-Kap. 368, l-art 21(1)(k) tal-Kap. 368, l-art 75 tal-L.S. 65.1, l-art 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib l-imputat **Clint Zarb filwaqt li qed isibu hati tal-ewwel(1) u hames(5) imputazzjoni** qed tilliberah mit-tieni (2),it-tielet (3), ir-raba'(4) u s-sitt(6) imputazzjoni u tikkundannah komplessivament  ghal multa ta tlett elef euro (3000)

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**